*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 29 – 24 ta' Marzu 2021**

***Minuti tad-disgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-24 ta' Marzu, 2021 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 29. Il-laqgħa bdiet fl-6:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---

---

29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Kulħadd kien preżenti.

29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Kunsill approva unanimament iż-żewġ settijiet tal-minuti tal-laqgħat preċedenti fuq proposta tal-Viċi-Sindku Mark Camilleri ssekondata mill-Kunsillier Philip E. Zammit.

29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Devoluzzjoni: 96, 98 u 100 Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li kien avviċinat mis-CEO tal-Kura Primarja fejn kien mitlub isib post alternattiv għall-Berġa ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Kunsill diga wera l-intenzjoni tiegħu li jitlob għad-devoluzzjoni taż-żewġ mezzanini proprjeta tal-Lands li hawn fi Triq Frans Sammut bin-numri 96, 98 u 100 u li huma diga użati mill-Kunsill Lokali. Intqal ukoll li id-Dipartiment tas-Saħħa lesti li jħallsu l-kera, kif ukoll li jħallsu l-ispiża sabiex jsir l-irranġar ta' dan il-post.

Bl-istess mod is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea fakkar li saru diskussjonijiet mal-Pulizija sabiex ikun hawn il-Community Police Ħaż-Żebbuġ. L-ex Supretendent Victor Aquilina kien informa

lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li jkun hemm bzonn uffiċju bis-servizzi sanitarji miegħu minn fejn il-Pulizija jkunu jistgħu jikkordinaw il-ħidma tagħhom. L-ispejjeż sabiex jitranġa dan il-post huma minimi u ser jitħallsu mill-Pulizija stess.

Il-Kunsilliera laqgħu din l-informazzjoni b'sodisfazzjon u ilkoll qablu unanimament li l-Kunsill Lokali japplika sabiex dawn l-indirizzi 96, 98 u 100, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ jkunu devoluti lilu.

## Inċident fi Triq il-Buskett

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li f'Ottubru 2020 fi Triq il-Buskett sar inċident tat-traffiku, liema kumpanija tal-assigurazzjoni bagħtet tinforma lill-Kunsill permezz ta' ittra bl-Avukat tagħha li qed tfittixna għas-somma ta Eur2,960.60. Il-Kunsill qabel unanimament li jittieħed parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk jistax jfittex lill-Infrastructure Malta u lill-kuntrattur RockCut li kien qed jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

## Devoluzzjoni – Torri tad-Dejma, Ħaż-Żebbuġ u Art Pubblika lejn Triq Ambroġ Buttiġieġ

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea fakkar li għal dawn iż-żewġ proprjetajiet tal-Lands, il-Kunsill jista japplika għad-devoluzzjoni u li jistgħu jintużaw minn zewġ gruppi Żebbuġin li bħalissa m'għandhomx fejn jiltaqgħu. Dawn huma it-Talent Żebbuġi u l-Baden Powell Scouts. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tat-Torri tad-Dejma kif ukoll għall-Art pubblika li hemm biswit Triq Ambroġ Buttiġieġ.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea informa lill-Kunsill li l-Heritage Trail tinsab magħluqa. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera Patrick Bonnici u lil Steve Zammit Lupi tal-ħin u x-xogħol li ddedikaw sabiex dan it-trail ikun lest. Il-Kunsillier Patrick Bonnici spjega li ser ikun hemm ktejjeb bil-Malti u ieħor bl-Ingliż, 2 boards bil-Malti u bl-Ingliż. Huwa qal ukoll li din it-trail hija ta' livell għoli ħafna u hija twila sebgħa kilometri. Huwa fakkar li l-ideja kienet issawret mill-Ex-Kunsillier Philip Said li kien beda xi xogħol dwar dan il-Heritage Trail.

## 29.4 Ġnien l-Indipendenza

Kien hemm qbil li jkun iffirmat l-MOU mal-MWFS sabiex isir il-proġett fi Ġnien l-Indipendenza. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li diġa kien mitkellem il-Perit Malcolm Cachia sabiex jibda jaħdem fuq id-devoluzzjoni.

**29.5 Art tal-Gvern lejn Triq Emmanuele Cilia**

Viċin Triq Emmanuele Cilia hemm biċċa art tal-Lands li fiha madwar 1.8 tomniet. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li bħalissa għaddej b'diskussjonijiet sabiex iħajjar lill-Indis sabiex permezz ta' skema ffinanzjata minnhom, tinbena binja ta' sular, bi spazji miftuħa u li fiha jkun hemm anke sala tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti issuġġerew lis-Sindku li jinkorpora parkeġġ fih li possibilment anke jitħaddem minn kumpanija privata.

**29.6 CCTV cameras**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li jinsab kuntent bis-CCTV cameras li tweħħlu mal-iBins. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li Bring-in-Sites issa hawn 5 Ħaż-Żebbuġ. Żewġ sites minnhom jinsabu mingħajr cameras u għaldaqstant il-Kunsill għandu jidħol għalihom hu. Dawn huma il-BIS li jinsabu fi Triq Luigi Fontana u dawk ta' Triq il-Poeta Nazzjonali. Dawn għandhom isiru bil-pannella bħal dawk installati mill-Greenpak. Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li bħal ma jitweħħlu dawn għandhom ikunu nstallati camera kemm f'Wied Qirda, kif ukoll f' Wied Baqqiegħa. Il-Kunsillier Patrick Bonnici fakkar li l-cameras tal-Bandli tal-Grazzja m'humiex qed jaħdmu.

**29.7 Triq Dun Karm Psaila**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li huwa baqa ma rċieva l-ebda korrispondenza dwar is-sistema tat-traffiku ta' Triq Dun Karm Psaila. Intwera ukoll filmat mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi ta' incident li nqala minn sewwieqa li kienu għaddejjin mill-istess triq.

Saret diskussjoni wkoll dwar is-sistema tat-traffiku ta' Triq Giovanni Pullicino. Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' TM dwar kif ser jgħaddi t-traffiku minn din it-triq. Iz-zona tal-Kandlora qiegħda tikber b'rata mgħaġġla. Permezz tal-ftuħ ta' din it-triq, it-traffiku m'għandux għalxhiex jgħaddi mill-qalba tar-raħal.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-aħjar metodu li jista jiġi mplimentat huwa li l-ewwel titlesta Triq Giovanni Pullicino, u wara li jkun studjat l-andament tat-traffiku, jkun studjat it-traffiku ta' Triq Dun Karm Psaila. Is-Sindku semma wkoll li saret petizzjoni ffirmata minn għaxar residenti inkluż il-Kunsillier George Cortis sabiex Triq Giovanni Pullicino ssir one-way. Is-Sindku qal li jekk Triq Giovanni Pullicino tiġi two-way, parti minn Triq il-Mitħna, lejn Sant Antnin jkollha inkluż soft area u Triq il-Mitħna tiġi one-way.
Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li meta tinfetaħ Triq Giovanni Pullicino, it-traffiku minn Triq Dun Karm Psaila ser jonqos pero fl-opinjoni tiegħu xorta jrid isir traffic management. Rigward Triq Giovanni Pullicino u Triq il-Mitħna, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li għandhom isiru one-way u għandha tinħoloq promenade tul Triq Giovanni Pullicino kollha.

Il-Kunsillier David Battistino qal li hu jifimha li jekk triq tieħu two-way, din għandha taħdem b'two way.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li għandha tintalab laqgħa ma IM u ma TM b' mod urġenti sabiex tkun diskussa is-sistema tat-traffiku u l-possibilita ta' promenade.

Il-Kunsill ppropona u qabel li kull sistema tat-traffiku għandha tkun bi prova għal xahar u jekk ikun hemm bżonn tiġi riveduta.

**29.8 Social Housing Project Triq Ħal Sajd**

Dwar dan il-proġett is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li qed jiġi studjat il-possibilita ta' zieda fil-parkeġġ, liema proposta titressaq quddiem il-Planning Authority. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li huwa mportanti li l-parkeġġ fiz-zona jiżdied.

**29.9 Proposta minn IM fi Triq il-Fraxxnu**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li il-proposta intbagħtet minnu lil IM fejn huwa talab f'isem il-Kunsill li kwalunkwe pjan jkun diskuss mar-residenti.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**29.10 Arbli – Vjal il-Ħelsien**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ikkonferma li meta ha parir mingħand avukat inkarigat mill-kunsill dwar l-ittri mibgħuta mill-Avukati oħrajn għan-nom ta' resident u kuntrattur, il-parir kien jgħid li l-Kunsill fl-ebda ħin ma jidher li aġġixxa ħażin għaliex l-arbli kienu hemm qabel il-binja l-ġdida.

**29.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Kevin Glynn talab li ssir kaxxa safra quddiem ir-rampa fejn il-BOV, kif ukoll rampi oħra lejn il-grawnd tal-futbol.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li l-konok tal-iskema Sponsor a Tree, issa tħaffru kollha.

29.12 Vot tal-Flus

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-vot tal-flus jgħaddi kif preżentat.

29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-14 ta' April 2021.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*